# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru : 52/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**CM**

**Vs**

**SE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' **CM,** datat 11 ta' Frar 2020, fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-8 ta' Diċembru 2006.*

2. *Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-ħajja flimkien m'għadhiex possibbli u l-partijiet ressqu għall-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali (Dokument B)*

3. *Illi l-partijiet ilhom jgħixu ħajja totalment separata stante l-abbandun twil tal-imsemmi żewġha u l-partijiet għalhekk ilhom ma jikkoabitaw għal mill-inqas dawn l-aħħar ħames snin.*

4. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut u l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta b'kuntratt pubbliku hawn indikat.*

6. *Illi l-medjazzjoni bejniethom ġiet magħluqa u permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Diċembru 2019 fl-atti tar-rikors 697/19 (Dokument A) il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipproċedu bil-kawża odjerna ai termini tal-Liġi.*

7. *Illi l-fatti elenkati jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ottjeniment tad-divorzju skonto l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

***Raġuni.***

8. *Illi għalhekk ai termini tal-liġi, l-esponenti tixtieq titlob il-ħall taż-żwieġ tagħhom permezz ta' dikjarazzjoni ta' divorzju ai termini tal-liġi.*

***Talbiet.***

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u direzzjoni neċessarja u opportuna jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi d-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66 B et sequitor u tippronunzja li ż-żwieġ datat 8 ta' Diċembru 2006 huwa ddikjarat null u mingħajr effett.*

2. *Tordna konsegwentament lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din il-Qorti, javża lid-direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, sabiex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Reġistru Pubbliku*

.

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa imħarrek għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' **SE** datata 8 ta' Marzu 2020, a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet fil-kawża de quo ilhom separati de iure oltre l-erba snin rikjesti mil-Liġi.*

2. *Illi l-esponenti jikkonferma illi l-ebda manteniment ma huwa dovut u ma jeżistu l-ebda pendenzi fil-konfront ta' xulxin.*

3. *Illi l-esponenti jikkonferma li ma teżisti l-ebda prospett raġonevoli illi l-partijiet jirrikonċiljaw.*

4. *Illi għaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet tal-attur kif dedotti fir-rikors promotur, dment li r-rikorrenti tħallas l-ispejjeż ta' dina il-proċedura.*

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**CM** xehdet (vide affidavit a fol 18 ) illi l-partijiet iżżewwġu fit-8 ta' Diċembru 2006, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fil-25 ta' Marzu tas-sena 2019. Illi f'dak il-kuntratt il-partijiet iddikjaraw illi huma ilhom jgħixu separati minn xulxin de facto sa' mis-26 ta' Awwissu 2015, u għalhekk ilhom ħames snin hekk mifruda. Illi hija għandha rapport stabbli ma' terza persuna, u li minn dak ir-rapport ma' din it-terza persuna twieldet wild. Illi l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-partijiet.

**SE** xehed bil-ġurament ( fol 42 ) illi huwa iżżewweġ lil martu fit-8 ta' Diċembru 2006 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Illi minn Awwissu 2015 il-partijiet ma baqgħux jgħixu flimkien u li minn dak iż-żmien ma kienx hemm rikonċiljazzjoni. Ma hemmx, obbligu ta' ħlas ta' manteniment.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Diċembru 2006 (Vide Dok CM 2 fol 41) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia, datat 25 ta' Marzu 2019 (vide fol 5 et seqq.) pero jirriżulta mix-xhieda illi huma ilhom separati de facto sa' minn Awwissu 2015, u ghalhekk ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**